MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 1063/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Saviour Mizzi**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Saviour Mizzi**, karta tal-identita bin-numru 248153M fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer

nhar id-29 ta′ Mejju 2013 għall-ħabta ta′ 08.10 fi Triq Maria de Domenicis, Santa Luċija : -

(a) Waqt li kien qiegħed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBJ-486, naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal li jindika "Stop";
(b) talli b′nuqqas ta′ ħsieb, bi traskuraġni jew b′nuqqas ta′ ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b′nuqqas ta′ tħaris ta′ regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna offiżi ta′ natura gravi fuq il-persuna ta′ Danica Ann Vella skont kif ċertifikat minn Dr. Sarah Henderson M.D. Reg. 3315 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta′ żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta′ nota ta′ rinviju għall-ġudizzju datata 4 ta′ Diċembru 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta′ Saviour Mizzi fl-Artikoli 17, 18, 30, 31, 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94/69 (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) tal-Liġijiet ta′ Malta kif ukoll fl-artikoli 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta′ Malta u għalhekk iddeċieda li taħt

dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tad-19 ta' Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dan il-każ jitnissel minn inċident stradali li l-imputat kien involut fih meta fid-29 ta' Mejju 2013 għall-ħabta ta' 08.10 kien qed isuq il-vettura tiegħu Ford Escort bin-numru tar-reġistrazzjoni FBJ 486 u li meta sbokka fi Triq Maria de Domeniċis f'Santa Luċija huwa ħabat mal-vettura tal-għamla Toyota Yaris bin-numru DNC 116 misjuqa minn Danica Ann Vella, li kienet qed issuq l-istess vettura fl-istess triq. In konsegwenza ta' dan l-inċident Danica Ann Vella sofriet offiża ta' natura gravi.

Mit-trattazzjoni tal-każ tad-difiża jirriżulta li l-imputat mhux jikkontesta l-fatt li Danica Ann Vella sofriet l-offiża ta' natura gravi konsegwenti l-inċident de quo skont dak mistqarr minnha u minn dak imputat mill-Avukat Ġenerali, iżda qiegħed jikkontesta r-responabbilta' għall-inċident de quo. Huwa jtenni li ma kienx jaħti għall-kolliżjoni. Iżid li l-inċident seħħ minħabba li waqt li kien ħiereġ minn side road għal main road, huwa sab il-viżwali tiegħu ostakolata minn vettura oħra li kienet parkeġġjata fil-kantuniera. Din il-vettura malparkeġġjata ikkontribwiet għall-inċident de quo. Inoltre l-istess Danica Ann Vella ikkontribwiet għall-istess inċident minħabba li kienet qed issuq il-vettura tagħha b'veloċita għolja għal dik it-triq partikolari.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mill-imputat dwar id-dinamika tal-inċident u r-responsabbilta għall-istess. Il-Qorti

tqis li kienet il-manuvra inkonsweta tal-imputat li wasslet unikament għall-inċident stradali de quo. Huwa minnu li kien hemm karozza li xi ftit għattiet mill-viżwali tal-imputat. Pero huwa kellu l-oneru prinċipali li jivverifika jekk hux riesaq traffiku mit-triq li ried joħroġ fiha qabel ma jibda jintraprendi l-manuvra li joħroġ fuqha. Huwa kien obbligat li jżomm *a proper lookout* inkluż dik li jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq qabel ma joħroġ għall-main road. Jidher li kieku ta' din l-aħħar daqqa t'għajn kien jintebaħ bil-vettura misjuqa minn Danica Ann Vella li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni li fiha kien sejjer isuq hu.

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża "Il-Pulizija vs. Mario Gellel", deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat.

L-aġir tiegħu kien il-fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Danica Ann Vella kienet il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali.

Detto cio pero, huwa minnu li l-parkeġġ inkonsewt tal-vettura fil-kantuniera xejn ma għenet lill-partijiet f'dan il-każ. Tali vettura ostakolat kemm il-viżwali tal-imputat, li kien responsabbli li jivverifika jekk hux riesaq traffiku mid-direzzjoni apposita fit-triq prinċipali iżda ostakolat ukoll lil Danica Ann Vella milli tkun tista tara sewwasew vetturi li jkunu qegħdin, bl-attenzjoni u d-diliġenza meħtieġa jippruvaw joħorġu għal dik it-triq.

***<u>GĦALDAQSTANT : -</u>***

Wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 18, 30, 31, 226(1)(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94/69 (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-artikoli 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lil Saviour Mizzi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih, filwaqt li timponi ammenda ta' ħamsin euro (€50) fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni tqis li peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija, u l-fatt li Danica Ann Vella ħafret lill-imputat u rrinunzjat għall-azzjoni penali safejn rinunzjabbli, hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-Saviour Mizzi bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati ikun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax il-jum millum f'nofs il-lejl.

***Mogħtija illum 13 ta' Mejju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------